

**Dispożittiv**

- 1) *Ir-rikors huwa miċħud.*
- 2) *Jean-Pierre Bodson u l-membri l-oħra tal-persunal tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) li isimhom huwa inkluż fl-anness huma kkundannati għall-ispejjeż.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 274, 21.9.2013 (kawża inizjalment ippreżentata quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea taħt in-numru F-61/13 u ttrasferita quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-1.9.2016).

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Mejju 2017 – UI (\*) vs Il-Kunsill****(Kawża T-282/17)**

(2017/C 277/68)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* UI (\*) (rappreżentant: J. Diaz Cordova, avukat)*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**Talbiet**

— tordna lill-konvenut jaħtar lir-rikorrent b'mod definittiv fil-post AST/SC 2 fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill (DG A3).

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jikkontesta, essenzjalment, il-legalità tal-proċeduri li, skont ir-rikorrent, wasslu sabiex b'mod żbaljat ma jiġix maħtur b'mod definittiv fil-post ikkonċernat. Ir-rikorrent jirreferi, b'mod partikolari, għall-ħolqien mill-konvenut ta' dokument supplimentari li, skont ir-rikorrent, ma għandux jittieħed inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni tiegħu, peress li ġie sottomess ħafna wara t-tmiem tal-perijodu ta' prova tiegħu. Ir-rikorrent isostni li l-konvenut kiser ċerti drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal ħajja privata, il-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet u d-dritt tiegħu li jagħmel ilment, meta evalwa l-każ tar-rikorrent.

---

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2017 – Air France vs Il-Kummissjoni****(Kawża T-338/17)**

(2017/C 277/69)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Société Air France (Tremblay-en-France, Franza) (rappreżentanti: A. Wachsmann u S. Thibault-Liger, avukati)*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea**Talbiet**

— prinċipalment, tannulla, fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea Nru C(2017) 1742 finali tas-17 ta' Marzu 2017, Każ AT.39258, kollha kemm hi – merkanzija tal-ajru, fir-rigward, kif il-motivi sottostanti d-dipożittiv tagħha, fuq il-bażi tal-ewwel, it-tieni u t-tielet motivi tagħha;

<sup>(\*)</sup> Informazzjoni mħassra fil-qafas tal-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.